# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**Seduta numru 35 tas-7 Leġislatura**
**il-Ġimgħa 20 ta' Novembru, 2015**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 35 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2015, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. L-aħħar żviluppi fil-Proġett tal-Miżura 313
5. Attivitajiet tal-Milied
6. Hruġ mill-ġdid tal-ktieb ta' Dr. Trump dwar l-iskavi ta' Skorba
7. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci u il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

## 1 Minuti

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand il-Kunsill Studenti Universitarji sabiex issir Clean-Up fil-Ġnejna. Din it-talba ġiet milqugħha u il-Kunsill esprima l-apprezzament tiegħu lejn il-KSU għall-din l-inizzjattiva.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li l-Imġarr kien ġie magħżul mill-V18 għall-proġett 'Pinnuri'. Permezz ta' dan il-proġett għandu jitwaħħal pinnur kbir fuq it-torri tal-Lippija, u hu maħsub li dan il-pinnur jitwaħħal f' Diċembru 2016. Installazzjonijiet simili ser jitwaħħlu fi' 3 siti oħra : Marsaxlokk, tas-Sliema u Għawdex.

3.2 Peress li fil-ġranet ta' qabel, il-Kunsill irċieva kuntratt min Transport Malta dwar 4 trejqiet li ingħataw wiċċ ġdid, Is-Sindku u Eman Vella taw aktar informazzjoni dwar il-proġett tal-Miżura 125. Infrumaw li peress li kien għad fadal xi fondi, il-Kunsill kien applika għall-8 toroq li minnhom saru 2. Barra minn dawn, saru 2 oħra li l-Kunsill ma kienx talab imma saru fuq inizzjattiva ta' Transport Malta.

3.3 Is-Sindku informa li ser issir zebra crossing fi' Triq Sir Temi Zammit kif kien talab il-Kunsill ftit ilu.

**4. L-Aħħar Żviluppi fil-proġett tal-Miżura 313**

4.1 Eman Vella informa dwar l-aħħar dettalji tal-proġett marbut mal-Miżura 313. Qal li l-estenżjoni mitluba mill-Kunsill kienet ġiet aċċettata.

4.2 Kienu daħlu wkoll 3 claims. Minn dawn kellna inneħħu il-claim fuq is-servizzi tal-EMDP. Fil-claims ġew imdaħħla l-ispejjes relatati mas-servizzi ta' Kalċidon Vella, Colour Image, proof-reading, Adam Bugeja, Bonnici Bros Ltd u Delta Media. Dawn kollha ġew aċċettati.

## 5. Attivitajiet tal-Milied

5.1 Ġew diskussi xi attivitajiet għax-xahar ta' Novembru. Fit-8 ta' Diċembru ser tiġi organizzata Clean-Up fin-naħa tal-Lippija.

5.2 Fis-17 ta' Diċembru ser issir bibita fl-okkazzjoni tat-tnehdija tal-ktieb ta' Dr Trump dwar Skorba. Aktar dwar dan f' punt 6 aktar 'l isfel.

5.3 Il-Kunsill approva wkoll li Ġieħ l-Imġarr isir il-Hadd 7 ta' Frar 2016.

## 6. Hruġ mill-Ġdid tal-Ktieb ta' Dr Trump dwar l-iskavi ta' Skorba

6.1 Il-Kunsill iddiskuta il-proposta li jerġa jiħareġ il-ktieb tar-rapport dwar l-iskavi ta' Skorba mill-Arkeologu Dr David H. Trump. Dan ir-rapport kien qed jgħalaq 50 sena minn meta ġiet mitbugħ l-ewwel darba. Għaldaqstant il-Kunsill ħaseb li jkun xieraq li dan il-ktieb jerġa jinħareġ għall-darb' oħra. b'verżjoni aktar moderna u aktar attrajenti.

6.2 Sar arranġamenti mal-fotografu Daniel Cilia sabiex din il-pubblikazzjoni ikollha ir-ritratti tiegħu. L-istampar ta' dan il-ktieb ser isir għand il-Gutneberg Press li huma l-istampaturi li għandhom arranġament mal-Kunsill għas-servizz tal-istampar.

6.3 Hemm il-ħsieb li dan il-ktieb ikun lest għall-nofs Diċembru 2015, sabiex jiġi mnhiedi minn Dr Trump innifsu fi' żjara f' Malta li ser ikun qed jagħmel.

6.4 Għaldaqstant, ser isir attivita' nhar il-Hamis 17 ta' Diċembru fil-bini tal-Kunsill biex jiġi mhiedi dan il-ktieb fil-preżenza ta' Dr Trump. Wara issir bibita għall-dawk preżenti. Il-Kunsill qabel u approva din l-inizjattiva.

## 7. Affarijiet Mixxellanji

7.1 Mario Sammut ppropona li is-sistema tas-CCTV li kienet ġiet maħsuba għall-Triq San Pietru titmexxa għall-fuq il-Bring In Site ta' ġdejn ir-roundabout. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u ser ikun qiegħed jara x' xogħol u xi spejjeż hemm involuti.

7.2 Is-Sindku semma li matul l-2016 hemm il-ħsieb li titkompla is-sensiela ta' laqgħat informattivi ta' Taħdiet b' Bixra Mġarrija.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:35pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku